# Il-Ħadd 10.04.2016

1. Illum 10/04, **it-Tielet Ħadd tal-Għid**:
   - Il-Kunsill Lokali javża li llum, wara l-quddiesa tal-10:00am, fil-Pjazza tal-Knisja ser isir ir-*reanactment* tal-Wasla ta' Sir Alexander Ball f'Ħal Safi u l-Battalja bejn il-Maltin u l-Ingliżi kontra l-Franċiżi.

2. Matul din il-ġimgħa ser isir it-Tberik tal-Familji li joqgħodu:-
   - It-Tnejn 11/04: Triq San Franġisk, Triq San Pawl, Triq il-Puniċi
   - It-Tlieta 12/04: Sqaq San Mikiel, Triq San Ġużepp, Triq in-Nassaba (il-ġdida)
   - L-Erbgħa 13/04: Triq l-Iskola (minn Triq iż-Żurrieq sa' Triq ta' Ġawhar), u Triq il-Menqa
   - *Il-Ħamis ma jsirx Tberik biex jinfetaħ l-Uffiċċju Parrokkjali.*
   - Il-Ġimgħa 15/04: Misraħ San Mattew, Triq Dun Ġużepp Caruana.

3. Il-Ħamis 14/04:
   - Fis-5:45pm – Laqgħa tal-Grupp San Padre Piju fis-Sala Parrokkjali taż-Żurrieq. Imexxi l-laqgħa Patri Alfred Scerri OFM Cap. Aktar dettalji fuq in-Notice boards. Kulħadd mistieden.
   - Fis-7:15pm – Jiltaqa' l-Kunsill Pastorali Parrokkjali fl-Uffiċċju Parrokkjali.

4. Il-Ġimgħa 15/04:
   - Fit-8:00pm – Laqgħa għall-koppji miżżewġa u wara ħin fejn nieħdu xi ħaġa flimkien fiċ-Ċentru Parrokkjali. Min bi ħsiebu jattendi jinforma lill-Kappillan jew lil xi ħadd mill-kummissjoni Familja.

5. Il-Ħadd 17/04, **ir-Raba' Ħadd tal-Għid - Jum il-Vokazzjonijiet**.
   Fil-Parroċċa tagħna ser infakkru wkoll **JUM ĦAL SAFI –**
   Jum it-Twaqqif tal-Parroċċa (418-il sena) li seħħ nhar it-13/04/1598.
   - Fl-10:00am: Quddiesa b'ringrazzjament mal-Kunsill Lokali u l-Għaqdiet tal-Parroċċa u tar-raħal tagħna. Wara l-Banda San Pawl tagħmel marċ sal-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

6. Il-Ħamis 21/04:
   - Filgħodu ser ikollna Ħarġa. Tluq fid-8:45am u inkunu lura għas-1:45pm. Biljetti u dettalji mingħand il-helpers matul din il-ġimgħa.

7. Avviżi oħra:
   - Infakkar li fl-okkażjoni tal-Ġublew tal-Ħniena, bħala Parroċċa qed norganizzaw Pellegrinaġġ għal Lourdes fi Franza bejn it-Tnejn 25/07 u s-Sibt 30/07. Min hu interessat jieħu sehem jista' jikseb aktar informazzjoni mill-Uffiċċju Parrokkjali u jipprovdi d-dettalji u d-depożit mitluba sa' tmiem dan ix-xahar.

8. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 305 bħala ġabra speċjali b'risq il-manutensjoni tal-knisja u r-restawr tal-bankun u n-niċċa ta' San Pawl;
   - € 100 bħala donazzjoni bl-istess għan;
   - € 80 mill-lotterija ta' żmien il-Għid bl-istess għan. Grazzi mill-qalb.